MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1387/1993/1

**Marina Sammut, illum Ciarlo' wara dikjarazzjoni taghha prezentata fir-Registru Pubbliku a tenur ta' l-Att XXI tal-1993.**

**vs**

**John Baptist Sammut.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Novembru 1993 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet zzewgu fis-16 t'April 1980, u minn dan iz-zwieg twildu tliet (3) itfal Christian ta' hdax-il (11) sena, Martina ta' tmien (8) snin u Michele ta' seba' (7) snin;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza mpossibbli minhabba eccessi, mohqrija, ngurji gravi u theddid kommessi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu;

Illi l-attrici giet awtorizzata biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali *a mensa et thoro* permezz ta' Digriet Nru. 1198/93 ta' l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili (kopja tad-Digriet hawn annessa u mmarkata Dok "A").

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet u dan minhabba eccessi, mohqrija, ngurja gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu, kif ukoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru serja.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Christian, Martina u Michele lill-attrici.

3. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 51 tal-Kodici Civili**.

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, *occorrendo* billi tinnomina periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-Att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenut fuq l-istess att f'kaz ta' bzonn.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 10 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 3 ta’ Dicembru 1993 li permezz taghha esebiet ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Christian u Michele, mentri obbligat ruhha li tesebixxi dak ta’ Martina hekk kif tircevih minn New York, il-post fejn fil-fatt twieldet l-istess minuri.
Rat ir-rikors (1) ta’ l-attrici datat 14 ta’ Dicembru 1993 fejn talbet li jinghatalha access fil-granet ta’ l-ewwel tas-sena, filwaqt li l-intimat jinghatalu access ta’ tliet ijiem matul il-gimgha.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-28 ta’ Dicembru 1993, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 29 ta’ Dicembru 1993 fejn laqghet it-talba.

Rat ir-rikors (1) konsegwenti tal-konvenut datat 30 ta’ Dicembru 1993 fejn talab varjazzjoni fil-kura u kustodja tat-tfal u ta’ l-access, u li jitwal l-access ghal zmien il-vakanzi biex jikkumpensa ghall-kumplament tas-sena.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti ta’ l-10 ta’ Jannar 1994 fejn peress li lahaq ghadda z-zmien tal-festi, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba, pero’ fl-istess waqt issollecitat lill-partijiet biex jevitaw li jkollhom incidenti inutli, u sabiex fl-interess tal-minuri jirregolaw l-access ragjonevolment bejniethom.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut datat 31 ta’ Jannar 1994, ir-risposta ta’ l-attrici tal-21 ta’ Frar 1994, u d-digriet sussegwenti tat-23 ta’ Frar 1994 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi wara li ssir it-trattazzjoni fl-udjenza dwar differenza fl-access fil-perjodu tal-vakanzi.

Rat in-nota ta’ l-attrici tal-11 ta’ Frar 1994 fejn ipprezentat ic-certifikat tal-minuri Martina Maria.
Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-15 ta’ Frar 1994 a fol. 39 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjent ma kellu l-ebda htija fis-separazzjoni taghhom li giet provokata nterament mill-imgieba ta’ l-attrici u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu michuda;

Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruhu mic-citazzjoni ta’ l-attrici biex a tenur tal-ligi jipprezenta l-infraskritta **kontro-talba.**

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 39 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenut datata 5 ta’ Frar 1994 (fol.42) fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 t’April 1980 u minn dan iz-zwieg twieldu tliet itfal Christian, Martina u Michele, ilkoll minorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet reza mpossibbli minhabba eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid da parti ta’ l-attrici fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut kif ukoll billi l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabab tort ta’ l-attrici;

Illi l-istess konvenut talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet *a mensa et thoro* minhabba htija ta’ l-attrici kfi fuq inghad kif ukoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja ta’ l-ulied minorenni taghhom lill-konvenut;

3. Tapplika kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;**

4. Tiddikjara terminata l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn l-istess salv ix-xoljiment ta’ l-istess komunjoni f’gudizzju separat;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-attrici ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 43 u 44 tal-process.

Rat ir-rikors (3) tal-konvenut tal-25 ta' Frar 1994 fejn ghal darb'ohra talab li jizdiedlu l-access ghal uliedu u li fil-perjodu estiv u fil-perjodu ta' l-Ghid uliedu joqoghdu mieghu aktar minn sempliciment *weekend*, u r-risposta ta' l-attrici ntavolata fl-10 ta' Marzu 1994.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tal-15 ta' Marzu 1994 fejn b'referenza ghar-rikorsi tal-31 ta' Jannar 1994 u dak tal-25 ta' Frar 1994 ordnat li l-konvenut ghandu jkollu access ghal uliedu kull nhar ta' Erbgha billi jigbor it-tfal malli tispicca l-iskola u jirritornahom ghand l-attrici l-Hadd ta' wara fl-10:00 a.m., filwaqt li fil-perjodu tal-vakanzi, l-access ikun kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-11:00 a.m. sat-8:00 p.m u alternattivament darba mill-Gimgha fis-6:00 p.m. sal-Hadd fit-8:00 p.m. u darba s-Sibt fl-10:00 a.m. sal-Hadd fil-11:00 a.m.

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Marzu 1994 fejn xehed il-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata datata 1 ta' Marzu 1994 fejn gie premess:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li m'huwiex minnu li l-attrici rrendiet ruhha hatja lejn il-konvenut ta' eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid;

2. Illi in effetti, iz-zwieg bejn il-konjugi Sammut tfarrak irrimedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

3. Illi t-tielet talba tal-konvenut hija nsostenibbli ghal kollox, kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici rikonvenzjonata a fol. 67 tal-process.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenut tat-23 ta’ Marzu 1994 (fol.68) rigwardanti proposti ghall-kustodja u access tal-partijiet ghal uliedhom fil-festi tal-Milied u ta’ l-Ghid.

Rat in-nota ta’ l-attrici tal-5 t’April 1994 fejn irrapportat xi ncidenti relattivi anke ma’ l-access tal-minuri a fol. 69 u 70 tal-process.

Rat ir-rikors (5) tal-konvenut datat 5 t’April 1994 fejn talab li jithalla jkollu access ghal uliedu minghajr incidenti, u li l-ulied ikollhom maghhom l-indumenti necessarji ghas-soggorn taghhom.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 6 t’April 1994 fejn cahdet it-talba.

Rat ir-rikors (2) ta’ l-attrici tal-14 t’April 1994 fejn talbet li kunjomha jigi jinqara Ciarlo’ flok Sammut kull fejn jiddekorri fl-att tac-citazzjoni, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tat-18 t’April 1994.

Rat ir-rikors (3) ta’ l-attrici datat 15 t’April 1994 fejn talbet li jigu ffissati granet u hinijiet ghall-access peress li l-konvenut qieghed jisfida u ma jonorax il-hijiet iffissati.

Rat ir-risposta tal-konvenut intavolata fid-19 ta’ Mejju 1994.

Rat ir-rikors (6) tal-konvenut ta’ l-20 t’April 1994 fejn irrapporta ncident li nqala’ waqt l-access tieghu ma’ wliedu, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-22 t’April 1994 (fol. 85) fejn il-Qorti hekk presejduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale <u>iddeplorat l-incidenti li qed jinqalghu sforz piki esagerati u appellat lill-partijiet biex jevitaw aktar incidenti u jottemperaw ruhhom mad-digriet vigenti.</u>

Rat il-verbal tas-27 t’April 1994.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 28 t’April 1994 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha minn fol. 89 sa 96 tal-process.

Rat ir-rikors (7) tal-konvenut tad-29 t'April 1994 fejn talab li jigi varjat l-access sabiex it-tfal jibdew iqattghu Hadd mal-missier u Hadd ma' l-omm waqt il-perjodu skolastiku.

Rat ir-risposta ta' l-attrici tat-12 ta' Mejju 1994.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 1994 fejn ipprezentat l-affidavit tal-genituri taghha Carmela u Vincent Ciarlo, u ta' ohtha Daniela Cachia kollox minn fol.103 sa fol. 113 tal-process.

Rat in-noti tal-konvenut datati 4 u 27 ta' Mejju 1994 fejn bihom irrizerva li jaghmel il-kontro-ezami tax-xhieda prodotti mill-attrici permezz tal-procedura ta' l-affidavit.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta' Mejju 1994 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut jipprezenta affidavit biex xhieda tieghu, prospett dwar il-beni parafernali u tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u proposta dwar id-divizjoni taghhom.

Rat ir-rikors (4) ta' l-attrici tat-30 ta' Mejju 1994 fejn talbet awment fil-manteniment biex jaghmel tajjeb ghal spejjez edukattivi u livell ahjar ta' l-ghixien ta' l-ulied, wara li sostniet li l-konvenut ghandu ntrojtu sostanzjali u ghandu bosta kapricci.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 3 ta' Gunju 1994.

Rat ir-rikors (8) tal-konvenut ta' l-1 ta' Gunju 1994 fejn informa lill-Qorti li hija martu li qed tonqos li thallas l-ispejjez edukattivi wara li huwa jkun ghaddielha l-manteniment.

Rat ir-risposta ta' l-attrici tat-3 ta' Gunju 1994.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Lulju 1994 fejn b'referenza ghar-rikors ta' l-attrici tat-30 ta' Mejju 1994 u dak tal-konvenut tal-1 ta' Gunju 1994, ikkonfermat id-digriet vigenti dwar il-manteniment u ordnat li l-konvenut ghandu

jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-mizati ta’ l-iskejjel u trasport ta’ l-istess ulied kollox a fol. 133 tal-process.

Rat ir-rikors (9) tal-konvenut tat-22 ta’ Gunju 1994 fejn irrapporta ncident li gara l-Hadd, 19 ta’ Gunju 1994.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Lulju 1994 in segwitu tar-rikorsi tal-konvenut tat-23 ta’ Marzu 1994, 29 t’April 1994 u 22 ta’ Gunju 1994, fejn irrilevat li ma thossx li hemm lok ghal varjazzjoni fil-provvedimenti applikabbli. Il-Qorti ghal darb’ohra appellat lill-partijiet biex jottemperaw ruhhom mad-digrieti vigenti u cahdet it-talbiet kontestati fir-rikorsi msemmija kollox a fol. 147 tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Gunju 1994 fejn gie nominat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Rat ir-rikors (10) tal-konvenut datat 17 t’Awissu 1994 fejn nforma lill-Qorti li huwa gie mpedit milli jezercita l-access ma' ibnu z-zghir bl-iskuza li kien ma jiflahx.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici pprezentata fid-29 t’Awissu 1994, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 ta’ Settembru 1994 fejn ordnat lill-attrici tindika tliet ismijiet ta’ tobba biex jiccertifikaw il-mard tal-minuri kull meta dan ma jkunx ser jattendi ghall-access ma’ missieru.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-22 ta’ Settembru 1994 fejn indikat l-ismijiet ta’ Dr. Paul Soler, D. Doriette Soler u Dr. Kevin Navarro Gera kif rikjest.

Rat ir-rikors (5) ta’ l-attrici tas-7 ta’ Settembru 1994 u d-digriet ta’ l-istess Qorti datat 9 ta’ Settembru 1994 fejn l-istess Qorti cahdet it-talba.

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fit-23 ta’ Settembru 1994 fejn ordnat lill-konvenut jiddikjara jaqbilx li dawn it-tobba jew xi hadd minnhom jiccertifika lill-minuri fl-eventwalita’ li dawn ikunu morda.

Rat in-nota datata 7 ta’ Novembru 1994 ipprezentata mill-konvenut kif rikjest, fejn huwa oggezzjona ghat-tliet tobba

ndikati peress li tnejn minnhom huma qraba ta' l-attrici u t-tielet wiehed jahdem fl-istess klinika maghhom. Fl-istess nota l-konvenut indika zewg ismijiet ta' tobba li ghandu fiducja fihom, cjoe' Dr. Lino Gauci Borda u Dr. Cecil Paris.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 21 ta' Novembru 1994 a fol. 167 tal-process fejn permezz taghha esebiet pjan ta' qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti, prospett ta' proprjeta tal-komunjoni, u prospett ta' proprjeta' parafernali.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti giet infurmata li t-tfal ma kinux qed imorru skola peress li ma thallsux il-mizati mill-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut tat-22 ta' Novembru 1994 fejn esebixxa l-affidavit tieghu ta' l-istess data a fol. 182 sa 192 tal-process.

Rat ir-rikors (6) ta' l-attrici tat-22 ta' Novembru 1994 fejn talbet li jittiehdu l-provedimenti opportuni kontra l-konvenut li qed jonqos li jhallas il-mizati ta' l-iskola tat-tfal bil-konsegwenza li dawn mhux qed jithallew jattendu l-iskola.
Rat ir-risposta tal-konvenut tad-29 ta' Dicembru 1994.

Rat ir-rikors (7) ta' l-attrici datat 12 ta' Jannar 1995 fejn talbet li tithallas l-arretrati ta' manteniment dovuti u li l-konvenut jibda jhallas l-ammont ta' manteniment dovut puntwalment.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-22 ta' Frar 1995.

Rat ir-rikors (8) ta' l-attrici tas-7 ta' Frar 1995 fejn talbet li l-konvenut jigi mitlub li jottempera ruhu strettament mal-hinijiet ta' l-access peress li kien qed idum hafna ma jirritorna lura t-tfal.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' Frar 1995.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Frar 1995; tat-28 ta' Marzu 1995; ta' l-10 ta' Mejju 1995; u tat-13 ta' Gunju 1995.

Rat ir-rikors (9) ta' l-attrici tas-26 ta' Gunju 1995 fejn wara li nfurmat lill-Qorti, li t-tfal Christian u Michele ibaghtu minn problemi ortodontici, talbet li l-konvenut jigi ordnat li jipprovdi ghall-kura necessarja.

Rat ir-risposta tal-konvenut tal-11 t'Awissu 1995.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-5 ta' Settembru 1995 fejn ordnat lill-konvenut jelenka l-beni kollha tieghu, id-debiti kollha li ghandu, l-introjtu tieghu, u l-introjtu li mhux qed jippercepixxi minhabba xi proceduri gudizzjarji ntavolati mill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut tad-9 t'Ottubru 1995 fejn filwaqt li sostna li l-kura li jirrikjedu wliedu hija koperta bl-assigurazzjoni tal-BUPA u ghalhekk mhux dovut li jipprovdi hu ghall-istess.

Rat ir-rikors (11) tal-konvenut datat 17 ta' Lulju 1995 fejn talab li jigi riveduta l-kura u kustodja u access ghaz-zminijiet tas-sajf.

Rat ir-risposta ta' l-attrici ta' l-4 t'Awissu 1995, id-digriet tat-8 t'Awissu 1995 u r-risposti sussegwenti tal-konvenut tal-11 u s-16 t'Awissu 1995.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 5 ta' Settembru 1995 fejn cahdet it-talba.

Rat ir-rikors (10) ta' l-attrici tad-29 t'Awissu 1994 fejn talbet li jinghata provvediment biex tassigura li l-konvenut jipprovdi hlasijiet ghall-hlas ta' uniformijiet u kotba ta' l-iskola ghas-sena skolastika li ser tibda.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-23 ta' Settembru 1994 u n-noti tal-partijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Dicembru 1994 fejn talbet lill-attrici tindika hemmx digriet li jirregola l-hlas tal-kotba u uniformi ta’ l-iskola.

Rat in-noti sussegwenti ta’ l-attrici fejn iddikjarat li talbet li jinghata tali provvediment proprju ghax ma hemmx digriet ezistenti fuq din il-materja, u dik tal-31 t’Ottubru 1995 fejn indikat l-affarijiet mixtrija li taghhom qed titlob kumpens.

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ Novembru 1995 fejn il-Qorti ddecidiet li ma kienx opportun li jinghata provvediment ulterjuri u ghaldaqstant astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors.

Rat in-nota tal-konvenut tas-7 ta’ Novembru 1995 kontenenti l-proprjeta’ tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u dik parafernali kollox a fol. 263 tal-process.

Rat ir-rikors (12) tal-konvenut tal-24 ta’Novembru 1995 fejn talab li jigi kkumpensat ghal xi granet li l-attrici mpediet li jsir l-access tieghu ma’ wliedu, u li jkollu access ghall-granet tal-Milied jew l-ewwel tas-sena.

Rat ir-rikors (10) ta’ l-attrici ta’ l-10 ta’ Novembru 1995 fejn talbet li l-konvenut jigi ordnat li jottempera ruhu mad-digrieti billi hija tigi rimborsata ghal spejjez dentali li ghamlet ghal uliedha u billi jithallas il-hlas pendenti ta’ arretrati ta’ manteniment.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Dicembru 1995 fejn il-partijiet indikaw liema talbiet b’rikorsi ghadhom pendenti. Il-partijiet qablu li jekk l-ispiza ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) ma taqax taht l-assikrazzjoni (BUPA), huma jaqsmu l-ispejjez bejniethom. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-arretrati ta’ manteniment sa’ l-ahhar tas-sena (1995). Il-konvenut sostna li m’ghandux ihallas ghall-uniformijiet ta’ l-iskola u l-ispejjez kollha tat-trasport tat-tfal ghall-iskejjel.

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta’ Dicembru 1995 (fol. 272) fejn b’referenza ghall-pendenzi elenkati fil-verbal tas-7 ta’ Dicembru 1995 dwar access, manteniment u hlas, iddecidiet billi filwaqt li ordnat li

m'ghandux ikun hemm varjazzjoni fl-access ghall-granet tal-Milied, ordnat li l-konvenut ikollu access ghall-minuri bejn is-6:30 p.m. ta' l-ahhar tas-sena sa l-istess hin ta' l-ewwel tas-sena. Fir-rigward tal-vaganzi tal-Milied, ta' l-Ghid u tas-Sajf meta ma jkollhomx skola *oltre* d-digriet dwar il-*weekends* gie deciz li l-missier ghandu jzomm lil uliedu mit-Tlieta fis-7:30 p.m. sa l-Erbgha fl-istess hin. Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispjejjez kollha ta' uniformijiet u kotba li jigu ndikati mill-awtoritajiet skolastici, filwaqt li l-pendenzi ndikati li jirrizultaw fil-process ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Il-konvenut ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' trasport ta' l-iskola wzat mill-minuri, inkluz ghall-lezzjonijiet tal-*ballet*. Il-Qorti wissiet lill-partijiet biex fl-interess tal-minuri jevitaw kwistjonijiet zejda u jaddottaw dan id-digriet bhala gwida ghall-ftehim bejniethom.
Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 1996.

Rat ir-rikors (11) ta' l-attrici tat-28 ta' Mejju 1996, ir-risposta tal-konvenut tat-3 ta' Gunju 1996, u d-digriet ta' l-4 ta' Gunju 1996.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 1996 fejn il-Qorti giet infurmata li mis-sitt mitt lira Maltija (Lm600) dovuta ghall-ispejjez medici, l-BUPA hallset biss mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm135).

Rat ir-rikors (13) tal-konvenut datat 12 ta' Lulju 1996 fejn talab li ma jigix imfixkel milli jezercita l-access ma' wliedu.

Rat ir-risposta ta' l-attrici tal-5 t'Awissu 1996.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Settembru 1996 fejn iddeplorat il-pika esagerata bejn il-partijiet, u ordnat lill-attrici tikkonforma ruhha mad-digrieti vigenti dwar l-access b'mod li tevita lill-minuri minn aktar danni psikologici.

Rat ir-rikors (12) ta' l-attrici tad-19 ta' Settembru 1996 fejn informat lill-Qorti li sa gimgha qabel tibda s-sena skolastika l-minuri ghadhom minghajr uniformijiet, bla kotba, u anke li Martina ilha hafna ma tattendi l-klassi taz-zfin.

Rat il-verbali tat-30 t'Ottubru 1996 fejn Profs Ian Refalo ghall-konvenut, informa lill-Qorti li l-uniformijiet inxtraw, li l-mizati gew imhallsa, u fic-cirkostanzi l-Qorti tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors koncernat; u tad-29 ta' Jannar 1997 fejn il-Qorti giet informata li f'seduta wahda taghlaq il-provi.

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar 1997.

Rat ir-rikors (13) ta' l-attrici datat 31 ta' Jannar 1997 fejn talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas il-bilanc ta' erba` mija u hamsa u sittin lira Maltija (Lm465) bhala spejjez ghall-operazzjoni dentali tal-minuri.

Rat id-digriet sussegwenti tal-31 ta' Jannar 1997 fejn il-Qorti rrizervat li tipprovdi fl-udjenza wara li l-partijiet jittrattaw dan il-punt.

Rat il-verbali tas-16 t'April 1997 u tal-21 ta' Mejju 1997.

Rat ir-rikors (14) ta' l-attrici datat 16 ta' Mejju 1997 fejn spjegat li l-konvenut huwa moruz fil-pagamenti tieghu ta' manteniment, jew *ossia* jhallas tard, u ghalhekk talbet li jigi ordnat jibda jindika l-perjodu tal-hlas tal-manteniment li jkun kopert mill-istess cekk.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Gunju 1997; tat-2 ta' Lulju 1997; tad-29 t'Ottubru 1997 fejn il-Qorti giet infurmata li hemm ftehim bonarju kwazi milhuq li pero' qed jigi mxekkel minn rapport kriminali; ta' l-10 ta' Dicembru 1997; tat-18 ta' Marzu 1998; tat-13 ta' Mejju 1998 fejn il-Perit Legali gie awtorizzat jirrelatta f'kaz li l-partijiet ma jitransigux; ta' l-24 ta' Gunju 1998 fejn il-konvenut iddikjara li qed jistenna risposta fuq abbozz li ghadda lill-kontro-parti; tas-7 t'Ottubru 1998; tal-15 ta' Dicembru 1998 fejn il-Perit Legali gie ordnat jikkonkludi l-gbir tal-provi peress li ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet; ta' l-24 ta' Frar 1999; tat-23 t'April 1999; tat-8 ta' Gunju 1999; ta' l-20 t'Ottubru 1999 fejn xehed il-konvenut li obbliga ruhu li jghaddi kopja ta' affidavit responsiv tieghu lill-Perit Legali

biex dan ikun jista’ jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura; tas-26 ta’ Jannar 2000; u ta’ l-1 ta’ Marzu 2000.

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-26 t’April 2000 li biha pprezentat prospett, inkluz elenku ta’ proprjeta’ parafernali.

Rat il-verbali tat-28 t’April 2000; tas-6 ta’ Gunju 2000; tad-9 ta’ Gunju 2000; u tal-5 ta’ Lulju 2000.

Rat ir-rikors (14) tal-konvenut ta’ l-24 t’Awissu 2000 fejn talab biex jigi rivedut id-digriet tas-Sekond’ Awla tal-11 t’Ottubru 1993 billi tnehhi l-manteniment pagabbli lill-attrici ghat-tifel il-kbir, Christian, jew tipprovdi sabiex l-istess ammont jghaddih dirett lit-tifel li sar maggorenni, filwaqt li jigi wkoll rivedut l-ammont ta’ manteniment tat-tifla, Martina, peress li llum ghandha stipendju. *Oltre* dan, anke peress li t-tfal jghixu tliet ijiem fil-gimgha ma’ missierhom.

Rat il-verbal tat-18 t’Ottubru 2000.

Rat il-verbali ta’ l-1 ta’ Dicembru 2000 fejn l-attrici pprezentat prospett tal-beni mmobiljari u ishma f’socjetajiet kummercjali wkoll formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti; ta’ l-10 ta’ Jannar 2001 fejn peress li l-konvenut naqas milli jottempera ruhu mal-verbali precedenti billi jipprezenta l-prospett il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jestendi r-relazzjoni tieghu; u tat-2 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut tas-16 ta’ Mejju 2001 fejn permezz taghha esebixxa affidavit tieghu flimkien ma’ xi dokumenti.

Rat ir-rikors (15) ta’ l-attrici tal-21 ta’ Mejju 2001 fejn talbet lill-Qorti sabiex jew tordna l-isfilz ta’ l-affidavit u d-dokumenti esebiti mill-konvenut peress dan kien ordnat li jesebixxi prospett minflok, jew fin-nuqqas tinghata l-fakolta’ tirrispondi ghall-allegazzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-verbali tal-20 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti filwaqt li ssollecitat lill-Perit Legali sabiex jestendi r-rapport,

irrizervat li tipprovdi dwar l-isfilz tan-nota tas-16 ta' Mejju 2001; ta' l-10 t'Ottubru 2001; tat-23 ta' Jannar 2002; tat-22 ta' Marzu 2002; tat-22 ta' Mejju 2002; ta' l-10 ta' Lulju 2002; tat-8 t'Ottubru 2002; tat-28 ta' Novembru 2002; tal-5 ta' Dicembru 2002; tat-30 ta' Jannar 2003 kollha ta' din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-ordni tal-Qorti kif presjeduta tas-26 ta' Marzu 2003 u l-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2003.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 2 t'Ottubru 2003 fejn permezz taghha filwaqt li pprezentat kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront taghha (fejn giet liberata minn kull akkuza dwar allegat serq ta' flus ta' zewgha) talbet li jigi degretat ir-rikors taghha ghall-isfilz ta' l-affidavit tardiv ipprezentat mill-konvenut fis-16 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbali tal-14 t'Ottubru 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li r-rapport gie pprezentat u nhareg il-kont fuqu; tal-11 ta' Novembru 2003 fejn il-Perit Legali, Dr. Joseph Micallef Stafrace kkonferma r-rapport bil-gurament. Dr. Ramona Frendo ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport; u ta' l-14 ta' Jannar 2004 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u fuq talba tad-difensur ta' l-attrici l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>Provi Prodotti.</u>

Illi jigi osservat qabel xejn li din il-kawza ilha pendenti ghal xejn inqas minn hdax (11) il-sena, fejn il-partijiet ipprezentaw mal-erbatax (14)-il rikors kull wiehed

principarjament fuq il-kura u kustodja u access tal-minuri li llum saru maggoreni u fuq il-hlas ta’ manteniment *da parte* tal-konvenut, u certament li din il-kawza damet dan iz-zmien kollu primarjament, ghalkemm mhux esklussivament, minhabba l-komportament tal-partijiet u l-pika esagerata ta’ bejniethom, liema komportament certament huwa sinonimu ma’ l-abbuz tal-procedura ta’ din il-Qorti. Filwaqt minkejja li din il-Qorti kif diversament presjeduta wissiet lill-partijiet kemm il-darba sabiex ma jibqghux jimpikaw ma’ xulxin, hafna drabi ghad-dannu tat-tfal taghhom stess, dan wassal fuq widnejn torox, u hekk din il-Qorti qed ikollu minhabba din l-intrasigenza serja tal-partijiet taghti s-sentenza taghha wara hdax il-sena minn meta bdiet il-kawza.  Certament li dan ma ghandux isir u ma hemm l-ebda dubju li fil-limiti tal-ligi vigenti din il-Qorti ser tiehu l-provedimenti li jistghu jittiehdu skond il-ligi, ghalkemm fic-cirkostanzi lanqas thoss li huma sufficjenti; bizzejjjed jara kemm-il darba l-Qorti kif diversament presjeduta, nkoraggiet lill-partijiet sabiex jaslu f’xi forma ta’ ftehim – izda dan kien kollu ghal xejn.

Illi intant, wara dan iz-zmien kollu jirrizulta li ma hemmx htiega li wiehed jidhol fis-saga dwar il-kustodja tat-tfal, l-accessibilita’ ghalihom, hlas ta’ skejjel, nuqqasijiet fil-hlas tal-manteniment, ecc.  Saga li tant tellfet hin lill-istess Qorti u kif qal l-istess Perit Legali *“turi kunfidenza zejda ma u nuqqas ta’ rispett lejn l-istess Qorti”*.  Illum it-tfal saru maggorenni, ghalhekk mhux il-kaz ta’ provvedimenti fir-rigward taghhom.  B’danakollu dak li ghadda bejn il-kontendenti fir-rigward ghandu jitfa dawl fuq l-imgieba bejn il-kontendenti bhala hajja ta’ mizzewgin bl-ulied.

Illi din il-Qorti bhal Perit Legali ser tirriferi ghall-punti ewlenin ta’ l-affidavits, izda mill-bqija wiehed irid jara l-kontenut shih.

Illi l-attrici tat is-segwenti stampa dwar l-gherusija u l-bidu tal-hajja konjugali:-

*“Jien kont nohrog ma’ dak li kellu jkun zewgi ghal sena biss qabel ma zzewwigna u l-gherusija damet biss ftit xhur.  Anke waqt l-gherusija, kien hemm sinjali tal-karattru*

*dominanti u prepotenti li ghandu, ghaliex meta l-genituri tieghi kienu jaghtuni hin li kelli nidhol id-dar, dan qatt ma kien jehodni lura puntwalment. Dan kien igibni fl-inkwiet mal-genituri izda jien kont inhobbu u allura mieghu kont inzomm meta kienu jikkoreguni. Mieghi ukoll qatt ma zamm hinijiet, u llum biss jien nirrealizza kemm dan kien biss wiehed premonitur tan-nuqqas ta' rispett li kelli ngarrab fis-snin ta' wara.*

*Iz-zwieg tieghi sar bil-genn. Peress illi zewgi ma kienx jahdem, waqt l-gherusija jien kont inkoraggejtu bis-sahha biex jiftah negozju. Ghamilna kuntatt ma' neguzjanti hbieb taghna u ghenuna nifthu l-hanut Craftex gewwa 42, Valley Road, B'Kara, li ghadu hemm sa llum. Zewgi ried illi nsiefru biex immorru l-"Fiera di Milano" u l-genituri tieghi ma ridunix immur mieghu peress li kont ghadni xebba. Ghalhekk fi zmien xagharjen, sibna post b' kiri, ghammartu bid-dota li taghni missieri, ippreparajt malajr il-jum tat-tieg u zzewwigna. Effetivament fil-"honeymoon" beda b'gimgha xoghol intensiv."*

Illi sa mill-bidu nett l-attrici ma kellhiex impjieg u kienet ukoll tghin fin-negozju ta' zewgha (ma' huh). Sadanittant ix-xoghol tad-dar kien kollu ghaliha. Imbaghad fis-27 ta' Dicembru 1992 beda l-inkwiet fuq il-manteniment u hi saret qisha t-tallaba fil-konfront ta' zewgha. Din l-umiljazzjoni accentwat ruhha meta waqfet mix-xoghol x'hin skadielha l-kuntratt.

Illi meta kellhom l-ewwel tarbija, ir-ragel iddecieda li jmur l-Istati Uniti, bla konsultazzjoni u bla pjani fissi. Hawn l-attrici ziedet hekk:-

*"Wara nsistenza minn naha tieghi fuq x'kien l-ezitu tal-mawra tieghu fl-Amerika, skoprejt li kien mar izur xi qraba u xi hbieb ukoll il-Kanada, u li beda jfittex ix-xoghol ftit biss qabel tlajt jien bit-tarbija. Hawn hadt "shock" meta rajt li kien sab xoghol bhala "cleaner" gewwa blokk kbir ta' flats, fejn kien jaghmel xoghol ta' tindif, manutenzjoni u sahansitra kien kuljum jigbor l-iskart ta' l-apparatmenti kollha. Meta rajt il-post fejn kellna noqoghdu ma stajtx nemmen ghajnejja. Dan kien jikkonsisti fi tliet ikmamar*

*zghar, li f'wahda minnhom bil-kemm stajt timxi madwar is-sodda. Dan l-"appartament" kien jinfed ma' "boiler-room" fil-kantina li l-hitan taghha kienu suwed bil-gmied, u fejn kulhadd kien izomm l-imbarazz. Din ir-residenza kienet marbuta mal-post tax-xoghol u malli kien jitlef ix-xoghol konna wkoll nispiccaw bla dar.*

*Hu kien jghidli li ma kienx jithallas tax-xoghol li kien jaghmel peress li hu kien inghata l-post fejn noqoghdu, u konna nghixu fuq dak li konna faddalna u li kien iddepozita gewwa kont fl-Isvizzera meta konna ghadna nirrisjedu Malta."*

Illi jidher li hawn ir-relazzjonijiet bdew jehzienu w meta l-konvenuta rat il-mizerja li bdew jghixu fiha fl-Istati Uniti mqabbla ma' hajja ahjar f'Malta. Il-qaghda finanzjarja marret ghall-aghar meta l-attrici harget tqila b'Martina. Hu zewgha tela' l-Amerika u pperswada lil huh biex wara t-twelid tat-tarbija jigi lura Malta. Lit-tarbija spiccaw iqieghduha f'banju tal-*plastic*. F'Malta, twieldet it-tielet tarbija (mhux pjanata), f'Settembru 1986. Ma sabet ebda sostenn minn zewgha fl-ansjeta' li kellha.

Illi l-attrici kompliet tixhed illi:-

*"Darba f'dan iz-zmien, zewgi bhas-soltu kien sejjer isiefer mill-lum ghal ghada. Jien ma kontx naf, u meta ndunajt li kien sejjer ihallini bla flus b'zewgt itfal u fi stat avvanzat ta' gravidanza, jien kont tlabtu l-flus. Kont ghidtlu li ma kontx lesta li mmur kuljum ghand huh nitlob il-flus ghall-hajja, u wara xenata shiha, fejn sahansitra kelli mmur nistrieh wara bil-kedda li kont hadt mieghu, ghaliex ma bqajtx inhoss it-tarbija ticcaqlaq bhas-soltu gewwa hdani, zewgi pproduca l-flus wara ftit. Kien dejjem jipprova jbaxxini, u jibqa' jippika sakemm jiflah u hafna drabi kien ikolli bilfors incedi jien. Darb'ohra hu qalli li kien sejjer isiefer fuq "xoghol" izda wara kien qalli li kien ukoll mar "skiing" ghal xi jiem. Wara li gejna mill-Amerika fl-1984 qatt ma siefirna sa l-1990."*

Illi l-attrici semmiet kif, habta w'sabta, zewgha ddecieda li jixtri *yacht* li kien jiswa sebat elef lira Maltija (Lm7,000)

izda ried l-ispejjez biex jiffunzjona sew. Dan sar bla konsultazzjoni mal-mara. Hi kienet kontra *stante* spejjez ohra konnessi mad-dar. Hawn l-istess attrici tissokta tghid illi:-

*"Fl-1987 kelli tqala "ectopic", fejn kont fil-periklu serju li nitlef hajti. Sofrejt trawma fizika u psikologika kbira. Tant hu hekk, illi kelli mmur inqatta' xaghrejn noqghod bit-tfal ghand ohti ghaliex ma kontx niflah niehu hsieb tieghi nnifsi u tal-familja u nzomm id-dar. Zewgi ma hax hsiebna jew ikkurani. Anzi sab skuza bix-xoghol u li ma setax jiehu hsiebna peress li kien ikun dejjem barra. Meta kien jigi ghand ohti jiekol u jara t-tfal, kien ikun indifferenti lejja u ma kienx jiehu interess f'sahhti. Meta staqsejtu r-raguni ghal dan l-agir huwa kien ipprova jiggustifikah billi qalli li kien haseb li t-tarbija li tlift ma setghetx tkun tieghu ghaliex f'dak il-perjodu r-relazzjonijiet intimi taghna kienu sporadici hafna. Wara telfa ta' tarbija u trawma simili ma stajtx naccetta tali mgieba ghaliex hu dejjem ra rispett u fedelta' totali minni. Dan l-incident kien kompla jkattar d-dieqa tieghi u kkawza aktar deterjorament fir-relazzjonijiet bejnietna, ghaliex qatt ma kont nistenna tali attitudni minn zewgi."*

Illi mbaghad il-kontendenti marru joqoghdu go flat komdu f'Tigne'. Hi kienet anke takkomoda xi studenti biex ikollha flus f'idejha. Kienet toqghod lura dwar x'iddahhal ghax kienet tibza' li zewgha kien ikun irid inaqqas mill-manteniment. Zewgha kien jixtri li jrid ghalih izda maghha kien idu iebsa. L-istess kien mat-tfal. Kompliet irrakkontat hekk:-

*"F'Dicembru ta' l-1992, fl-ahhar zewgi ddecieda jixtri l-"computer" ghat-tfal u kien qalli li ma kienx sejjer jixtrili xejn minhabba din l-ispiza kbira. Jien xorta xtrajtlu rigal u tajtulu mat-tfal, izda qatt ma bsart li lanqas hsieb ckejken miktub fuq kartolina ma kien sejjer jaghtini. Tant kont hadt ghalija u bkejt tassew, li fir-rabja kbira, kelli xi flus li kont qlajt ghal Milied minghand qrabati u xi ftit li kont gemmajt bl-iskop li nixtri s-siggijiet tal-kamra ta' l-ikel (peress li hu dejjem irrifjuta li jixtrihom), u mort u xtrajt coat ghalija. Dan il-coat kien holoq incident ikrah, bejn u bejn zewgi u wara*

*li jien ammettejt li kont zbaljajt, kont lesta li ghall-paci nirritornah lura, izda tal-hanut ma ridetx terga' taccettah lura.*

*Dan l-incident kien l-ewwel f'sensiela twila ta' ncidenti li biex jivvendika ruhu fuqi zewgi, qal man-nies li kont sraqtu u halef li jirrendili hajti mizerabbli u li jpattijieli "ghal mitt darba u elf" kif qalli hu stess, u jkissirni psikologikament u anki fizikament. Fis-27 ta' Dicembru 1992, zewgi ma tanix aktar flus ghall-hajja fuq parir ta' huh. Il-hajja kienet impossibbli u kont niehu t-tfal jieklu ghand ommi u missieri._Is-seftura ma kinetx tehodli flus ghal xogholha u gieli sahansitra gabet xi ikel u hobz hi biex ikolli x'naghti lit-tfal ghall-iskola. Kien igib kaxxa tal-kartun vojta tal-"corned beef" u fiha kien ikun hemm xi pakkett soppa, pakkett ghagin ecc. li bilkemm kienu jservu ghal jum wiehed. Ghamilt xahar minghajr trab tal-hasil u kont niehu l-hwejjeg ghand ommi, biex nahsilhom. Tant batejt li tlift piz ta' 25kg f'xahar."*

Illi l-attrici ssemmi ncidenti ohra, fosthom:

*"Gurnata wahda zewgi u huh dahlu fid-dar konjugali taghna u t-tnejn dahlu fuqi fil-kamra tas-sodda peress illi kont qieghda nistrieh fis-sodda wara li b'ordni tat-tabib hadt xi kalmanti. Meta rajthom dehlin u qaluli x'riedu waqajt fi stat ta' "shock" u bdejt nirtoghod inkontrollabbilment u waqa' certu bard fuqi li ma stajtx nishon b'xejn. Minhabba l-incident tal-coat, riduni niffirma "konfessjoni" li jien kont sraqt flus tal-kumpanija.*

*Jien ma ridtx niffirma tali dikjarazzjoni ghaliex kont fi stat ta' biza' kbir. Tant kont konfuza u bezghana mit-theddid u l-ghajjat taghhom illi wara xi saghtejn minn dan l-abbuz psikologiku, iffirmajt biex nehles minnhom u mit-theddid, l-ingurji u t-tghajjir taghhom. Wara li telqu 'l barra hassni hazin.*

*Incident iehor kien meta hadli c-cwievet tal-garages fejn kelli l-ghamara antika u kwazi l-arredament kollu tad-dar, peress li konna tlaqna minn Tigne Seafront ftit xhur qabel u morna noqoghdu gewwa flat f'St.Angelo Street/Tonna*

*Street, Sliema, bil-hsieb li mmorru lura Tigne Seafront wara li jispicca l-progett ta' Tigne Seafront. Dan il-progett ta' Tigne Street kien tieghu wahdu u kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' 12-il flat, 45 garaxx fuq 3 sulari. Meta kellna dan l-incident imsemmi huwa kien sakkar kwazi kollox fil-garages u kelli sahansitra nixtri "fan" jien ghat-tifel li kellu deni gholi hafna meta kien hemm mill-inqas tlieta msakkrin isfel. Peress illi kont sibt xoghol xi xhur qabel, lit-tfal kollox jien kont nixtrilhom, u f'dan il-kaz, meta ibni kellu bidu ta' meningite, irrifjuta sahansitra li jixtrilu l-medicini.*

*Darb'ohra mort bil-karozza lejn ix-xoghol u meta mort ghal xi haga li kont insejt go fiha, ma sibthiex fejn hallejtha. Irrapportajt minnufih l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Dawn cemplulu u huwa ddikjara lill-Pulizija li l-karozza tieghi kienet fil-pussess tieghu, maghluqa gewwa garage. B'din l-azzjoni sija jien kif ukoll it-tfal batejna u ghadna nbaghtu tali nuqqas. Hu jipposjedi zewg karozzi ohra u l-karozza tieghi dejjem baqghet imsakkra gewwa garage.*

*Kien hemm ukoll varji ncidenti ta' vjolenza psikologika u fizika. Darba sa wasal biex jixhet zejt jahraq fuqi u l-ahhar wiehed li twettaq fuqi wassalni biex nahrab mid-dar bil-hwejjeg ta' bil-lejl ghall-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, peress li kien refa' idejh fuqi, tani bis-sieq fuq zaqqi u saqajja u kkawzali griehi. Wara li kellimt u spjegajt x'kien grali lill-Ispettur Sharon Zammit tal-Victims Support Unit, u l-avukat tieghi, imxejt fuq il-pariri taghhom u ma ersaqtx aktar lejn dari. Huwa kien u ghadu kostantement ixewwex u jinsturmentalizza t-tfal kontrija, jirrifjuta li jhallas l-iskejjel tas-subien, id-donazzjoni u l-privatijiet tat-tfal."*

Illi l-attrici tixhed li hi marret toqghod f'ambjent zghir ghand ommha. In kontro-ezami, li sar fis-seduti peritali, l-attrici qalet li meta kienet gharusa kienet tittama li certu natural kien jinbidel. Kitba taz-zwieg ma kellhomx. Qalet li bhala tfajla kienet tahdem mal-Mid-Med Bank. Meta giet ha tizzewweg, billi l-Mid-Med ma kienx izomm nisa mizzewgin, hasbet u marret ma' Mizzi Holdings.

Illi fuq iz-zwieg damet tahdem xi sena u tliet xhur sakemm harget tqila. Meta mistoqsija, f'erba' kelmiet x'kien hemm hazin fiz-zwieg, qalet li zewgha dejjem riedha tghaddi tieghu. Dwar hajja sesswali, zewgha qatt ma ried jaccetta li l-mara tinbidel meta jkollha t-tfal. *"Mistoqsija kienx hemm inkompatibilita' nghid li bqajt sa l-ahhar nipprova nikkonforma".* Dwar arrangament ta' flus bejniethom, l-attrici qalet li qabel iz-zwieg ma tkellmux dwar dan. Wara z-zwieg baqghet tahdem. Lir-ragel kenet tghidlu x'kien hemm bzonn u wara jrid rendikont. Tant fil-gimgha ma kienx itiha *"kien hemm il-paga tieghi taghmel tajjeb ukoll".* Wara li tqalet u halliet l-impjieg, kienet tiddependi kompletament minnu. Kien itiha ghal dak li titolbu u dejjem b'xi kumment. Meta kien ikun ser isiefer kien isir kalkolu ta' x'kien ser ikollha bzonn. Kien jghidilha li ghal izjed tmur ghand huh Mark (socju fin-negozju). Hi oggezzjonat ghal dan. Ma kinitx tkun taf meta ser isiefer. Meta jkun gej kienet tkun taf ghax icemplilha minn barra biex tmur ghalih l-ajruport.

Illi l-attrici ssemmi wkoll il-problemi ghal serva, ghall-hlas ta' l-iskola tat-tfal. Kienet tmur tixtri mis-*sales* f'Catania ghall-familja kollha, darba fis-sena. Lil zewgha gieli haditlu ammonti zghar ta' flus bla ma kien ikun jaf. Precizament qalet dan, Seduta Peritali Nru 2:-

*D: Gieli hadtlu flus bla ma kien jaf?*

*R: Gieli, ammonti zghar. Darba hadt Lm20 biex nixtri zarbun ghal Michelle.*

In kontro-ezami xehdet illi: *"Meta zewgi allega li r-raba' tarbija ma kinitx tieghu ma semmilix ta' min kienet. Ir-relazzjonijiet sesswali kienu rari, darba kull sitt xhur. Hu kien iwahhal fix-xoghol. Zewgi dahallu s-suspett forsi minhabba r-rarita' tal-kuntatt, pero' jiena xorta wahda urtajt ruhi. Jien kont fidila lejh. Inhossni urtata bid-domanda biss jekk it-tqala kinitx ta' zewgi."*

Illi l-attrici lmentat li sa mis-27 t'Awissu 1995 zewgha ma ghaddilhiex il-manteniment ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fil-gimgha degretat mill-Qorti. L-attur iddikjara li

kellu jigi kompletament *"up to date"* sa l-ahhar tas-sena u kellu jghaddilha pagament minnufih.

Illi fl-affidavit tieghu, Vincent Ciarlo', missier l-attrici qal li l-konvenut waqt l-gherusija kien arroganti u jisfidah fil-hinijiet tar-ritorn ta' bintu lejn darha. Partikolarment semma dan l-incident:-

*"F'Dicembru ta' l-1992, inzilt fil-garage ta' dari fejn sibtu jargumenta ma' marti. Meta staqsejtu x'kien gara, qalli li kellu xi jghid ma' martu. Wara hafna diskors jien staqsejtu x'kien irid minn ghandi u qalli "Flus irrid minn ghandek". F'mument minnhom qal u deher li kien fi hsiebu jabbanduna l-familja. Qalli "Jien ma jimpurtanix mill-mara u mit-tfal. Jien nasal, u nasal ghal kollox." Qalli wkoll li kien jipposjedi nofs miljun lira u beda jghid hafna diskors li ma kienx koerenti. Ghidtlu biex lili ma jdahhalnix bejn u bejn martu. Tant dam ghaddej b'dan il-kliem bla sens li ergajt staqejtu ghat-tieni darba huwa x'verament ried, u rega' qalli "Flus irrid, qieghed nghidlek li nasal ghal kollox." Jien wissejtu li kellu responsabbilita' tat-tlett uliedu u biex jibza' ghaliha l-familja.*

*Fl-1 ta' Jannar 1993, ghalkemm kien hemm dan l-incident, ergajna ltqajna biex bhal kull sena niccelebraw New Year's Day flimkien. Deher li kien ikkalma ghaliex dakinhar ma semma' xejn fuq l-argument tal-gimgha ta' qabel. Pero' mill-incidenti li nqalghu wara, dan ma kienx hekk. Bl-incident tal-karta li hu u huh Mark Sammut gieghluha tiffirma, qatt ma bsart li kellu karattru daqshekk dghajjef u li seta' jittradixxi lil binti b'tali mod u b'daqshekk viljakkerija."*

Illi mbaghad elabora dwar kif waqfu ma' binthom u t-tfal meta l-konvenut naqas jghaddi flus, jew flus bizzejjed lil martu u ta' dan safa nsolentat mill-konvenut anke fuq it-telefon. Semma wkoll l-incident meta bintu (11 ta' Novembru 1993) sfat imsawta minn zewgha u telghet l-Ghassa ta' Tas-Sliema u l-Pulizija spiccaw haduha f'dar il-genituri, fejn baqghet.

Illi omm l-attrici **Carmela Ciarlo'**, semmiet id-dizgwid dwar hinijiet waqt l-gherusija meta qalet:-

*"Madwar l-1991, binti kienet f'periklu imminenti li tmut minhabba tqala "ectopic". Deliberatament ma urieni b'xejn. Kelli dritt inkun naf li binti kienet fil-periklu tal-mewt. Niftakar li rajt il-kattiverja u l-birda tieghu, meta binti kienet ghadha tohrog mill-loppju wara operazzjoni li saret fuqha b'emergenza, u wara ftit staqsa lir-ragel ta' ohtha biex imorru jiehdu kafe'. Wara ftit minuti marru x-Xatt ta' Tas-Sliema jiehdu l-kafe'. Kelli nkun jien li dort biha sakemm giet f'taghha. U ta' dan l-ebda ringrazzjament verbali."*

Dan wassalha biex tissuspetta li kien hemm xi haga hazina serja bejn bintha u r-ragel taghha – ghalkemm bintha qatt ma qaltilha xejn. Imbaghad kompliet hekk:-

*"Fis-27 ta' Dicembru, 1992, gie d-dar taghna, dahal gewwa u qalli li kien "jaf kollox". Meta jien staqsejtu x'kien dak li kien sar jaf, hu beda jakkuzani li konna qeghdin nahbu l-flus ta' binti ghandna, u meta bdejt nghidlu li dan ma kien veru assolutament xejn, beda jghajjarni halliela u giddieba, u affarijiet ingurjuzi ohra vilment gewwa dari. Binti dejjem hadmet, qabel iz-zwieg u xi drabi wkoll waqtu, u dejjem kellha flusha. Dam zmien twil jitkellem u jargumenta mieghi u ma' missierha, u jghidli per ezempju li kien proprjejtarju ta' nofs miljun lira mill-inqas. Zewgi staqsieh darbtejn x'kien irid minnu. Huwa qallu "flus". Fil-fatt, ghalkemm kien gara dan l-incident, jien xorta stedintu bhas-soltu ghall-ikla ta' l-Ewwel tas-Sena. Meta rajt is-sura li kienet binti fiha tkexkixt. Wiccha kien isfar mewt, ghajnejha kienu homor u minfuhin, u kienet qieghda tirtghod b'xokk. Meta staqsejtha x'kien gara, harget bl-istorja li Mark Sammut, hu l-konvenut, kien dahal fuqha waqt li hi kienet fis-sodda. Zewgha u hu, akkuzawha b'serq, abbuzaw minnha verbalment, hedduha u rrikattawha biex tiffirma karta li tiddikjara li hija kienet hadet xi flus tal-kumpanija. Wara pressjoni psikologika li damet ghal snin twal, hi qaltli li ffirmat. Huma telqu 'l barra u binti hassha hazin. Dan id-diskors sar meta konna fil-kcina."*

Illi hawn ikkonfermat kemm hi u zewgha kienu ghenu, di fronti tan-nuqqasijiet tal-konvenut, lil binthom biex titma t-tfal, u pprovdewlha trab ghall-hasil ecc.  Meta, fit-18 ta' April 1993, marret ma' l-attrici bil-karozza ghand bintha l-ohra, sabet lill-konvenut wara l-bieb u beda jghajjarha *"mela m'ghandekx karozza? Tieghi trid?"* u tghajjir bhal *"halliela"* u *"giddieba".* Spiccat issemmi meta lil bintha gabuha l-Pulizija d-dar u talbuha takkumpanjaha l-Polyclinic. Kienet *"imbengla u msawwta u bil-hwejjeg ta' bil-lejl"*.

Illi **Daniela Cachia**, oht l-attrici, semmiet kif din kellha tmur ghandha bit-tfal meta kellha tqala difficli ghax zewgha deherlu li ma setax jiehu hsiebha hu minhabba x-xoghol. Hawn innotat nuqqas ta' rispett minn naha tar-ragel.  Din ix-xhud issemmi:-

*"Ftit snin ilu jien u zewgi kellna burraxka kerha fiz-zwieg taghna, li b'rieda tajba miz-zewg nahat ghaddiet. Dak iz-zmien jien u l-familja taghna konna nitkellmu apertament quddiemu (l-konvenut) peress li konna nikkalkolawhom bhala familja ntima, u nesprimu opinjonijiet u fehmiet quddiemu. Hafna wara, meta ohti kellha l-inkwiet, sirt naf li l-konvenut kien jirrapporta kollox lil zewgi. Fatt li seta' jipperikola serjament iz-zwieg tieghi. Hawn rajt kemm dan ir-ragel kien jasal biex jaghmel hsara, ghaliex ma kienx responsabbli fl-agir tieghu.*

*Il-konvenut qal lil zewgi li ghandu tapes tal-konverzazzjonijiet li kien ikollna jien u ohti meta kienet iccempel u tghidli fuq l-inkwiet u l-vari ncidenti li kellhom. Dan kwazi rrizulta fi problemi serji bejni u bejn zewgi, meta ahna konna diga' fi stat ta' rikonciljazzjoni bejnietna.*

*Il-konvenut ghajjarni diversi drabi "halliela", darba minnhom meta kont qieghda nigbor "rubber band" mill-art biex nirranga xaghar bintu, waqt li kont qieghda nghin lill-ohti tohrog hwejjigha minn god-dar".*

Illi minn naha l-ohra l-**konvenut** qal li bhala guvni kellu hajja ta' guvni normali u kien importatur b'hanut go 42, Triq il-Wied, B'Kara.  Wara huh dahal mieghu u flimkien

xtraw in-negozju ta' missierhom. Beda jiehu hsieb tal-proprjeta' tal-genituri tieghu u dan wasslu biex tghallem fuq negozjar ta' proprjeta'. Hu u l-attrici zzewgu wara xi sena u nofs li saru jafu lil xulxin ghax hi ma riditx tistenna li finanzjarjament ikunu ahjar. Avvanza d-data taz-zwieg bi tliet gimghat biex jikkombina s-safra nuzjali ma' dik ta' xoghol.

Illil-konvenut jghid li sa mill-bidu beda jhossu *"not at home in my own house"* u martu kienet tikkontradicih ghal ebda raguni partikolari. Imbaghad kompla: *"Is-sitwazzjoni finanzjarja kienet hazina hafna minhabba li f'qasir zmien kelli hafna spejjez wahdi, ix-xiri ta' curkett ta' l-gherusija li sewa eluf ta' liri, elfejn lira rigal ghall-flat li kont krejt, il-honeymoon u spejjez ta' l-appliances kollha ta' go dar kif ukoll hafna affarijiet ohra. Marti kkontribwiet b'kollox tmien mitt lira maltija f'ghamara minn hanut gewwa l-Hamrun.*

*Wara xi sena li zzewwigna habta u sabta Marina waqfet tahdem bl-iskuza li riedet tohrog tqila u riedet tgawdi s-sajf qabel ma jigri dan ghax inkella Alla jaf meta kien ser ikollha sajf iehor tgawdi fil-kwiet."*

Illi sar jaf li l-attrici kellha thallas flus lil missierha u malli helset minn dan l-impenn waqfet mix-xoghol. Illi l-istess konvenut xehed:- *"Jiena ma ridtx ikolli tfal qabel ma nkun finanzjarjament ahjar u wkoll ghax bdew id-dubji serji fuq marti. Induanjt li ghal Marina z-zwieg kien akkwist u mezz biex timmiljora hajjitha. Ghalkemm bis-seftura kull gimgha, Marina dejjem tishet il-facendi zghar tad-dar. Jiena malli zzewwigt bdejt nahdem id-doppju u marti minflok tghini bdiet tfixkilni. Hi tipprova taghti l-impressjoni li ghamlet xi haga, pero' fil-hanut hlief biex tara x'hemm bzonn ghaliha ghad-dar ma kinitx tigi u bdiet ukoll dejjem titlobni iktar flus ghandi jew m'ghandix u ma jinteressahhiex kif sejjer il-business. Malli ndunat li jiena kont disturbat bis-sitwazzjoni ta' zwieg taghna dahqet bija li kienet safe biex issir tqila, u harget tqila. Meta rajt li gejja tarbija iddecidejt li nissaporti".*

Illi l-konvenut qal li s-safar lejn l-Istati Uniti kien ipprovokat mill-fatt li fl-1983 inzammu l-licenzji ta' l-oggetti li kien

jimporta hu. Imbaghad ghadda biex ghamel is-segwenti allegazzjonijiet serji:-
*“Wara biss sitt xhur Marina riedet tigi lura imma peress li kienet pregnant bit-tieni tarbija ma stajniex nivvjaggaw qabel it-twelid ta’ Martina. Fl-1986 Marina taghtni l-ahbar li kienet tqila. Jiena fraht hafna b’din l-ahbar. Marina ghamlitli xenata li ma tispicca qatt ghax kienet ser terga’ titlef il-figura u ghax xebghet trabbi tfal. Jien ghamiltha cara li ma’ “abortions” ma naqbilx u tridu jew ma tridux jiena rridu. Din il-kwistjoni ta’ l-abortion kienet qajmitha ukoll ftit xhur qabel iz-zwieg meta hasbet li kienet tqila u ommha marret tigri taghmel il-passaporti biex imorru l-Ingilterra jaghmlu abort.”*

Illi wara t-twelid ta’ din it-tarbija, martu birdet lejh u da parti tieghu, quddiem din l-imgieba, martu saret qisha ohtu. Meta fl-1989 martu ttiehdet l-isptar, hemm ha l-ahbar li kienet tqala li marret hazin. Hawn induna li martu ttradietu. Hu ghamel hiltu u zamm il-kalma. Mill-isptar martu nsistiet li tmur ghand ohtha. Meta giet lura d-dar qalilha li min ikun ilu ma jkollu relazzjoni ma setax ikollu tfal.

Illi allura l-konvenut jghid li beda joqghod attent ghal xi relazzjoni da parti ta’ martu. Din dahlet f’diversi assocjazzjonijiet u bdiet tigi tard hafna d-dar bi skuza jew ohra. Kienet tmur shopping Sqallija xi tlieta – erba’ darbiet fis-sena. *“Marti bdiet taghmel hilitha kollha biex tirritani u tabbuza bil-kalmezza tieghi. “Krejt torri fil-kampanja biex ikollna post fejn ikunu nistghu nirrekrejaw ruhna mat-tfal ghall-kwiet, ma kinitx trid tigini. Jiena skipper ta’ dghajsa tal-qlugh li nista’ nuza meta rrid, kienet taghmilli kull skuza biex ma tigix; ghal kwalunkwe haga li nhobb hi kienet taghmilli hekk u dawn kollha affarijiet biex tkun tista tgawdi l-familja, u hi dejjem topponi. Ommha dejjem u ghadha tindahal u Marina tisma’ minnha u ommha kienet diehla u hierga go dari, qisha d-dar taghha.”*

Illi mbaghad il-konvenut ghadda biex semma t-tehid ta’ flus minn martu *ad insaputa* tieghu u tan-negozju. Hu pprezenta bhala ammissjoni, dak li martu fl-affidavit

taghha ddeskriviet bhala ammissjoni furzata. Hu zamm il-kalma ghax il-vjolenza m'hijiex fil-karattru tieghu.

Illi huwa jghid li martu bdiet kampanja ta' provokazzjoni u malli jitkellem kienet tiftah it-twieqi. Bdiet kampanja ta' malafama u kienet tmur l-Ghassa biex tibni kaz kontrih. Hu lmenta mid-decizjoni (temporanja) tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti dwar manteniment u kustodja tat-tfal u qal li dan kien wettaq dak li kienet qaltlu martu li l-Qorti dejjem tmil lejn l-omm. Hawn hu pproklama t-twemmin tieghu dwar l-importanza taz-zewg genituri ghat-tfal u zied jghid li dan hu kontra t-tendenza generali f'pajjizna izda *"il-ligi gdida tal-familja tikkonoxxi dan"*. Huwa zied:-

*"Jiena nhoss li marti kienet mieghi ghall-flus ghax malli jiena zammejt kontroll fuq il-flus rat li jekk tissepara taf tehodli somma u huwa aktar financially rewarding jekk tohodli somma."*

Illi l-konvenut imbaghad semma l-istat finanzjarju u zied josserva li *"fl-affidavit ta' marti semmiet flus aktar minn 30 darba"* u zied li *"ma nistax nifhem ghala marti, (li tahdem il-bank) ma tikkontribwixxix 50% mill-ispejjez tat-trobbija"*. Hu jemmen fil-*"joint custody"* tat-tfal. Martu riedet dejjem li hu jaghmel testment favuriha.

Illi qal li martu hi vjolenti u darba attakkatu b'*cerimonial sword*, bit-tfal iwerzqu. Il-konvenut issokta jghid li meta telqet mid-dar, kollox kien ippjanat. L-ammont ta' flus li haditlu kien oghla mit-tlett elef lira Maltija (Lm3,000) li ffirmat li mmizapproprjat. Qal li martu ipprovat tikkorrompi wiehed mill-bennejja, fejn talbitu jixhed li l-*flats* ta' Tonna Street huma ta' zewgha u mhux tal-kumpanija *"u weghditu imbaghad li jaqsmu l-qliegh meta tbieghhom."* Illi l-konvenut xela lil martu li *"il-mod kif tilbes provokanti kien jimbarazzani hafna"* u meta kienu jmorru f' xi okkazjoni *"hlief tiddendel ma' dak u ma' l-iehor ma kinitx taghmel."*

Illi l-konvenut jallega li f'wiehed mill-vjaggi li marret Sqallija ma gietx lura bil-catamaran kif suppost u hallietu jistenna fuq il-moll. Gabet l-iskuza li l-bahar kien qawwi pero' l-catamaran hadem xorta. *"Sirt naf li kienet akkumpanjata*

*ma' certu bniedem Johnny Said ta' l-Olimpia Ent. u sahansitra hallsilha l-lukanda fejn kienet qeghda u hallsilha l-ikel u anke t-taxis kemm damu flimkien. Kien hemm koppja ohra nvoluta pero' ma nixtieqx insemmi nies u ismijiet biex ma nikkrejax problemi go familja ohra."* Darba waqt *skiing holiday* martu hlief tiddendel u titbewwes ma' *skiing instructor* ma ghamlitx tant li mbarazzatu quddiem il-hbieb.

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi fil-koppja mizzewga, l-esperjenza turi, ghandek issib nuqqasijiet fiz-zewg nahat – min izjed u min inqas. Xi drabi nuqqasijiet sahansitra provokati. Fil-bicca l-kbira kollox jibqa ghaddej mat-tlugh u l-inzul tal-hajja u tant nuqqasijiet jintnesew qisu qatt ma gara xejn. It-tajjeb, il-hafna tajjeb, igib fix-xejn, in-nuqqasijiet. Izda mbaghad tiltaqa ma' dak il-fattur jew dawk il-fatturi li liz-zewg ikissruh. Tkissir attribwit lil parti wahda jew tkissir attribwit liz-zewg partijiet anke jekk mhux fl-istess mizura.

Illi l-attrici tallega li zewgha kien jimxi hazin maghha billi jhalliha nieqsa mill-flus, il-hajja konjugali ma kinitx haga ta' bejn tnejn, izda kollox kif jghid hu, mmalafamaha bl-infedelta', u anke kien vjolenti maghha. Spiccat anke b' akkuzi kriminali dwar serq u mizapproprjazzjoni fil-Qorti tal-Magistrati.

Illi da parti tal-konvenut (li apparti l-eccezzjonijiet, ressaq il-kontro-talba) hu pinga lil martu bhala mara mill-aghar: halja, ma tafx tmexxi d-dar, mohha f'niesha, serqet lilu u lil huh b'mod li l-affarijiet wasslu ghal proceduri kriminali, kienet infidili mhux darba.

Illi issa huwa risaput li fil-materja taht ezami, il-kwistjoni m'hiex wahda biss ta' provi li rnexxew jew ma rnexxewx, izda certi allegazzjonijiet mhux pruvati jistghu jwasslu ghal ingurja gravi ta' parti versu l-parti l-ohra.

Illi wiehed irid iqis ukoll li bejn il-mizzewgin hafna drabi l-affarijiet jissucciedu bejn tnejn. Ghalhekk mhux facli ssib xhieda korroborattiva. B'danakollu, jinholqu cirkostanzi li

juruk fic-car ’il fejn ghandek tmil, lil min ghandek temmen. Il-verita’ minn xi mkien tohrog u dan iserrah ir-ras ta’ min irid jiggudika.

Illi dan kollu, dak li kellu xi jghid il-Perit Legali fuq l-istess partijiet u din il-Qorti wara li rat ix-xhieda kolha prodotta, u rat il-mod kif mexa l-istess konvenut partikolarment dwar il-manteniment *pendente lite,* anke ghal dak li hu manteniment ghal dawk li kienu ulied minuri waqt il-mori tal-kawza, thoss li l-allegazjonijiet tal-konvenut vantati minnu kontra l-attrici ma gewx ippruvati u wkoll ix-xhieda tieghu m’hijiex kredibbli.

Illi fil-fatt, fil-kaz in ezami l-allegazzjonijiet serji li ghamel il-konvenut kontra martu ma rrizultawx:-

a. Dwar ir-reat kriminali fil-konfront tieghu u ta’ huh, li wasslu biex l-attrici titressaq il-Qorti b’pubblicita’ fil-gurnali, l-attrici giet liberata (ara **“Pulizja vs Marina Ciarlo’”,** deciza 24 ta’ Novembru 2000). Din il-Qorti, bhall-Perit Legali, ma tistax ma jiehux konjizzjoni ta’ dan il-gudikat. Ma jistax ma jqisx bhala abbuz prattikat mir-ragel kontra martu, u jara ngurja serja fil-mod ta’ kif ittiehdet stqarrija minghand l-attrici. Dan jirrizulta mill-istess decizjoni u wkoll mix-xhieda cara u kategorika ta’ l-attrici. Din wahidha biss hi bizzejjed.

b. L-allegazzjoni li l-attrici kienet infidili lejn zewgha hi vera allegazzjoni ngurjuza. Mhux ta’ min ihalli barra l-osservazzjoni li l-konvenut mank intenta jgib xi ghamla ta’ korroborazzjoni anke ndiretta.

c. Li r-ragel kien isawwat lil martu ghandu jirrizulta mill-fatt li l-attrici kien jehtigilha tirrikorri ghall-Pulizija (sahansitra barra l-Pulizija tad-distrett kellha tissejjah minn dawn, l-Ispettur Sharon Tanti tal-unit tal-vjolenza domestika). Il-kontenzjoni tal-konvenut li martu kienet tivvinta kollox m’hiex accettabli. Il-griehi rawhom nies l-attrici u ohrajn u l-fatt li r-ragel jistaqsi min jaf kif saru dawk il-griehi, hu wkoll ingurjuz.

d. L-allegazzjoni ta' l-attrici li zewgha kien jaqa lura fil-manteniment hi almenu ammessa darba minnu stess. Fis-seduta peritali ta' l-1 ta' Novembru 1995, meta l-attrici rrilevat li zewgha kien ilu mis-27 t'Awissu 1995 ma jghaddilha l-manteniment provvizjorju ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fil-gimgha, il-konvenut qal li sa l-ahhar tas-sena kellu jigi *"up to date".* Dan minkejja l-kliem sabih kollu tal-konvenut, fl-affidavit tieghu, favur il-familja.

e. L-allegazzjoni li darba l-mara thajret ghall-abort, ma tistax, meta tqis dak kollu ga migjub, tehodha bhala haga vera. Il-konvenut anke qal li qabel iz-zwieg, Carmela Ciarlo' kienet ghamlet passaport lil bintha biex tohodha l-Ingilterra ghal abort ghax hasbet li kienet tqila. Illi dwar dan il-Perit Legali osserva:-

*"Hawn jigu naturali xi domandi: Tqila minn min? Dak iz-zmien ma kellux suspetti ta' infedelta'. Quddiem dan is-suggeriment hu kien akkwjexxenti? Ta' min josserva hawn li omm l-attrici osservat li kien idejjaqha l-fatt li l-konvenut ma tantx kien jiffrekwenta l-Knsija, ………………………… izda ma tistax tithalla barra meta l-konvenut qal dak li qal fuq omm martu".*

*1. Dak kollu li ntqal fil-paragrafi precedenti kien allura, a contrario sensu, fis-sustanza prova ta' l-ewwel talba tal-attrici.*

*2. Parti sew mill-process hi maghmula minn rikorsi u kontro-rikorsi dwar manteniment, access ghat-tfal, hlas ta' school fees. Kollox jindika kif il-konvenut irrenda infelici z-zwieg u kemm l-imgieba tieghu kienet kuntrarju ta' dak li hu semma bhala kif ihares lejn iz-zwieg. Din kienet teorija' biss.*

*3. Ghalhekk fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha (u, korrispondentement, michuda fir-rigward il-kontro-talba tal-konvenut). It-tfal illum saru maggorenni u ghalhekk m'hemm xejn x'jigi deciz li jikkoncerna lilhom".*

Illi din il-Qorti taddotta dan kollu u ma tistax ma tinnotax kif l-istess konvenut tul dawn il-proceduri kollha, anke bl-uzu abbusiv ta' rikors ghamel minn kollox sabiex jivvessa lill-attrici u lil uliedha u dan billi ripetutament ma hallasx manteniment *pendente lite* – u l-kawza kollha attrici hija proprju mibnija fuq ix-xehha tal-konvenut maghha u wkoll bil-mod kif ried irendiha suggetta f'kollox ghalih anke permezz ta' vjolenza domestika li kienet tinvolvi kemm mohqrija fizika u wkoll psikologika, u kien dan l-agir tal-konvenut li rrenda l-hajja bejn il-konjugi impossibbli – fuq kollox l-agir tal-konvenut f'din il-kawza juri u jindika kif l-istess konvenut kien mohhu sabiex jaghmel kollox difficli lill-attrici u sabiex irendilha hajjitha miserabbli u bl-agir tieghu huwa kkontribiwixxa bis-shih sabiex lanqas ikun hemm ebda kompromess f'din il-kawza.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti ta' min josserva li fil-bidu ta' l-affidavit tieghu (a fol. 183) il-konvenut qal li minn meta kien ghadu guvni *"bdejt niehu hsieb il-propjeta' ta' missieri u anke ta' ommi li minnha tghallimt hafna fuq negozjar ta' proprjeta'"*. Naturalment dan il-konvenut qalu biex juri li fl-attivita' kummercjali tieghu fir-rigward tal-propjreta', hu ma kellu x' jghid ebda grazzi lil martu. Naturalment ukoll dan il-*business acumen* vantat (l-affidavit hu datat 22 ta' Novembru 1994 – erbatax–il sena wara z-zwieg) qatt ma qal li marlu lura, u apparti xi negozju iehor, l-attivita' tal-konvenut kienet koncentrata f'din il-linja ta' negozju.

Illi fis-seduta peritali tad-9 ta' Mejju 1997 (mela sbatax–il sena fuq iz-zwieg) meta kienu prezenti l-attrici w il-konvenut assistit, il-Perit Legali vverbalizza u ffirma kif gej:-

*"Fuq suggeriment tal-partijiet biex, assolutament bla pregudizzju l-Perit Legali jipproponi transazzjoni gie suggerit hekk:-*

i. *Tithallas somma ta' disa` u sebghin elf lira Maltija (Lm79,000) ghas-saldu ta' kull pretensjoni ta' l-attirici u dan in likwidazzjni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u manteniment.*

ii. *In vista tal-hlas imsemmi l-manteniment tat-tfal tahseb ghalih esklussivament l-attrici.*

iii. *Is-somma miftehma tithallas hekk:-*

*a. fi zmien sitt xhur mid-data ta' l-att:- ... Lm15,000*

*b. fi zmien tnax–il xahar wara ... Lm10,000*

*c. imbaghad pagamenti ta' Lm5,000 fis-sena gheluq kull sena mill-pagament precedenti u dan ghal sitt snin – Lm30,000.*

*d. pagamenti ta' Lm4,000 fis-sena ghall-perjodu susegwenti ta' sitt snin – Lm24,000.*

*e. il-missier ihallas ghall-edukazzjoi tat-tfal u spejjez straodrinarji medici.*

*f. issir ipoteka fuq beni li jindika l-konvenut u dan ta' valur sufficjenti. L-ipoteka tigi ridotta ma kull pagament.*

*g. f'kaz ta' morozita' fil-hlas ta' pagamenti dovut shih, xahrejn wara, hu dovut il-bilanc kollu mis-Lm79,000 u jghaddi l-imghax tat-8 fil-mija.*

*h. kondizzjonijiet soliti tas-separazzjoni.*

*Illi f'seduta peritali sussegwenti, dik ta' l-4 ta' Settembru 1997 li ghaliha l-kontendenti kienu t-tnejn assistiti, l-kontendenti rratifikaw dak imsemmi fil-paragrafu precedenti, b' zieda kif gej:-*

*Il-partijiet jaghmlu riferenza ghall-verbal imnizzel fis-seduta nru 10 tas-17 ta' April 1997 u qeghdin jirratifikawh izda jizdied li ma' l-ahhar pagament tithallas ukoll mill-konvenut lill-attrici s-somma ta' erbat elef lira (Lm4,000).*

*F' kaz ta' morosita' ghal zmien xahrejn wara notifika b' ittra ufficjali ikun dovut il-pagament shih kif ga miftiehem.*

*Spejjez tal-kawzi kollha bejn il-kontendenti jkunu bla taxxa.*
*Spejjez tal-perizja u kuntratt ikun 50:50 bejn il-kontendenti.*

*In-nutar ikun Dr. Frans Micallef.*

Illi l-Perit Legali ha hsieb li dik ir-ratifikazzjoni tigi firmata mill-kontendenti, bix-xhieda tad-difensuri taghhom (li ffirmaw ukoll) u bix-xhieda ta' l-esponent.

Illi dik ir-ratifikazzjoni, li emendat minimament is-suggeriment ta' l-istess Perit Legali nnifsu giet iffirmata bla ebda rizerva. In segwitu gie redatt l-abbozz ta' separazzjoni minn Nutar Dr. Francis Micallef, nutar ta' fiducja tal-partijiet, liema abbozz sostanzjalment jinkorpora dak imsemmi, bis-somma globali ssir tmienja u tletin elf lira Maltija (Lm83,000) (kopja ta' l-abbozz hi esibita a fol. 358 *et seq*). Zdied biss id-Dok. "B" ma' l-abbozz konsistenti f'*List of Paraphernal Property to be returned*. Dawn oggetti ta' l-attrici u l-kelma *returned* ghandha tifsira preciza.

Illi dak l-abbozz kien jahseb ghal zganc totali bejn il-partijiet, b'dan li l-*quantum* kellu jithallas fuq firxa ta' zmien.

Illi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ghandha tirriattiva fis-sustanza dan l-abbozz u dan billi:-

a. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlieta u tmenin elf lira Maltija (Lm83,000) ghas-saldu ta' kull haga, hi x'inhi, li ghandha dritt ghaliha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.
b. tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-oggetti parafernali taghha (a fol. 364/365).

c. kull parti zzomm f'idejha kull oggett iehor mobbli li ghandha.

Illi jidher li kull parti accettat dan u ghalhekk *arbitro boni viri* din il-Qorti taddotta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali

anke peress li l-ebda parti ma oggezzjonat ghar-rapport peritali u l-attrici rremettiet ruhha ghall-istess fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2003.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u dan inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici *stante* li wlied il-kontendenti huma llum maggorenni, u wkoll tastejni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-partijiet u dan minhabba eccessi, mohqrija, ngurja gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu, liema agir illegali tal-konvenut irrenda l-hajja konjugali mpossibbli.
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li wlied il-kontendenti saru maggoreni.

3. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati **fl-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mill-10 ta' Novembru 1993, u tassenja l-oggetti kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti nkuzi l-immobbli u l-azzjonijiet indikati mill-partijiet f'din il-kawza lill-konvenut, bl-eccezzjoni ta' l-oggetti mobbli kollha nkluzi depoziti bankarji li jinsabu fil-pussess jew f'isem l-attrici u li ser jissemmew f'din id-decizjoni, b'dan li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, bhala kumpens u *per saldo* ghal sehema mill-komunjoni ta' l-akkwisti u wkoll in sodisfazzjon ta' kull dritt ta' manteniment li hija ghandha jew jista' jkollha kontra l-konvenut, is-somma ta' tlieta u tmenin elf lira Maltija (Lm83,000).

Illi kull parti ghandha zzomm il-mobbli u depoziti bankarji li jinsabu fil-pussess tieghu jew taghha jew f'isimhom, bl-eccezzjoni tal-mobbli li huma indikati fil-lista Dok. "B" a fol. 364 u 365 tal-process, li l-konvenut huwa obbigat li jirrifondi u jaghti lura lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi appuntu l-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-mobbli kollha indikati fil-Lista Dok. "B" (26 *item*) a fol. 364 u 365 tal-process.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kontra l-konvenut.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' dawk l-eccezzjonijiet ta' l-attrici li huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu, u tichad it-tielet talba fil-kontro-talba, tilqa' t-talbiet l-ohra biss kif hawn deciz anke a bazi tac-citazzjoni attrici, b'dan illi:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet *a mensa et thoro* minhabba htijiet imputabbli unikament lill-konvenut u dan minhabba eccessi, mohqrija, ngurja gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu, liema agir illegali tal-konvenut irrenda l-hajja konjugali impossibbli. Tichad it-talba tal-konvenut kif ghalhekk minnu dedotta *stante* li l-firda personali sehhet mill-agir tieghu stess.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

Tichad din it-talba.

Tilqa' din it-talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mill-10 ta' Novembru 1993, u tassenja l-oggetti kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti nkuzi l-immobbli u l-azzjonijiet indikati mill-partijiet f'din il-kawza lill-konvenut, bl-eccezzjoni ta' l-oggetti mobbli

kollha inkluzi depoziti bankarji li jinsabu fil-pussess jew f'isem l-attrici u li ser jissemmew f'din id-decizjoni, b'dan li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, bhala kumpens u *per saldo* ta' sehema mill-komunjoni ta' l-akkwisti u wkoll in sodisfazzjon ta' kull dritt ta' manteniment li hija ghandha jew jista' jkollha kontra l-konvenut, is-somma ta' tlieta u tmenin elf lira Maltija (Lm83,000).

Illi kull parti ghandha zzomm il-mobbli u depoziti bankarji li jinsabu fil-pussess tieghu jew taghha jew f'isimhom, bl-eccezzjoni tal-mobbli li huma indikati fil-lista Dok. "B" a fol. 364 u 365 tal-process, li l-konvenut huwa obbigat li jirrifondi u jaghti lura lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi appuntu il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-mobbli kollha indikati fil-Lista Dok. "B' (26 item) a fol. 364 u 365 tal-process.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-konvenut.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li l-partijiet minhabba l-pika esagerata taghhom ressqu numru kbir ta' rikorsi quddiem din il-Qorti, u l-mod kif l-istess konvenut konsistentement kiser id-digrieti *pendente lite* ta' din il-Qorti, u wkoll il-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke rraportat il-Perit Legali lill-istess Qorti, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, u dan apparti li kull parti njorat dak li kien qed jigi ndikat lilhom mill-Qorti kif kienet presjeduta, fejn inkoraggiethom, ghall-gid taghhom u ta' wliedhom sabiex jaslu fi ftehim, parir li gie konsistentement injorat miz-zewg partijiet u partikolarment mill-konvenut, din il-Qorti b'applikazzjoni

tal-***paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** tordna lill-attrici thallas is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mitt lira Maltija (Lm900) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------